MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 68/2007

Il-Pulizija
(Spt. R. Aquilina)
Vs
Michael Vella

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Gunju, 2006, ghall-habta tas-6.30 a.m. gewwa l-fond 55, Croydon, Triq il-Port Hieles, B’Bugia, hebb ghal martu Rita Vella w ikkagunalha ferita ta’ natura hafifa, hekk kif giet iccertifikata mit-tabib Aldo Fiorini MD mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ordnat il-hrug ta’ garanzija ghal

zmien sena (1) a favur il-parte civile indikata fl-akkuza, w cioe' Rita Vella ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taht penali ta' mitejn lira Maltin (LM200) fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :
1. Illi l-Qorti ma kellhiex iccahhad lill-appellant mill-possibilita' illi jsir il-kontro ezami tax-xhud PS 853. Il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar, 2007, illi mhuwiex a disposizzjoni tal-appellant fil-mument tal-ipprezentar ta' dan l-appell, juri kif il-Qorti dehrilha illi la ma ntbaghtitx ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija specifikatament ghas-seduta tat-12 ta' Frar, 2007, (imma intbaghtet qabel seduta precedenti) allura ma kienx hemm lok illi dan ix-xhud jinstema' fi stadju ulterjuri.
*2.* Illi a bazi tal-provi li tressqu, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-provi mressqa ma kienux tali illi kellhom iwasslu ghal kundanna, w l-Qorti ma ghamlitx apprezzament tajba tal-provi prodotti. L-appellant xehed konvincentement, u x-xhieda ta' martu ma hija korroborata minn hadd illi kien fuq il-post. L-esponenti tallega ferita f' rasha w ohra f'sieqha. Ir-rapport tat-tabib jichad illi kien hemm xi feriti f'ras Rita Vella. Inizzel *"ugigh in-naha ta' fuq ta' rasha pero' ma jidher xejn fuq barra".* Allura t-Tabib ma rriskontra ebda ferita fuq rasha. Imbaghad l-unika haga li jsemmi hija *"selha ta' 3 centimentri in-naha ta' gewwa tal-ghaksa xellugija"* Din hija selha li tista' tkun kompatibbli ma' kwalsiasi tip ta' incident domestiku, fosthom ukoll dak illi spjega li gara l-appellant, u frankament ma jinftiehemx kif jista' jinghata kredibilita' lil Rita Vella meta hija qalet illi zewgha imbuttaha, fis-sens illi selha zghira fuq in-naha ta' gewwa ta' l-ghaksa ma hijiex konsegwenza naturali u normali ta' waqgha minn imbuttatura. It-Tabib Fiorini ma xehedx fil-proceduri u

hemm biss ic-certifikat tieghu. Illi inoltre ma jidhirx illi l-istesura hekk xotta tas-sentenza, minghajr motivazzjoni cara, tqieghed lill-appellant f’posizzjoni illi jifhem ezatt x’kienu ir-ragunijiet illi wasslu ghall-kundanna ta’ htija quddiem l-Ewwel Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni aderiet mar-rikors tal-appell u qablet li f’kazijiet bhal dawn il-ligi ma tirrikjedix li l-akkuzat joqghod jikteb kull darba lill-Kummissarju tal-Pulizija biex xhud li jkun ghamel affidavit jerga’ jidher ghal kull differiment iehor tal-kawza, w ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienitx gustifikata li tghaddi ghas-sentenza qabel ma semghet lil PS 853 Frankia Sciberras fil-kontro ezami w li dan jikkostitwixxi difett serju procedurali li jwassal ghan-nullita’ tas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 360(A) tal-Kodici Kriminali fis-sub-inciz (2) tieghu jiddisponi li :-

"Il-persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lill-akkuzat kif provvdut fis-subartikolu (1) ma ghandhiex titharrek biex tixhed fil-proceduri jekk l-akuzat jonqos milli jaghti avviz tal-hsieb tieghu li jaghmel kontro-ezami lil dik il-persuna kif provvdut f' dak is-subartikolu u dak l-affidavit ghandu jkun ammissibbli bhala prova b' xhieda tal-kontenut tieghu f' dawk il-proceduri bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-prezenza ta' l-akkuzat."

Issa f' dan il-kaz l-akkuzat per mezz tal-Avukat tieghu Dr. Tufigno kien proprju avvza ll-Kummissarju tal-Pulizija biex iharrek lix-xhud PS 853 Frankie Sciberras b' ittra registrata li ggib id-data tal-21 ta' Novembru, 2006 li giet notifikata lill-Kummissarju fis-27 ta' Novembru, 2006, kif jidher mid-dokumenti a fols. 5 u 6 tal-process. Gara' pero' li fl-ewwel seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006, ma nstemghux provi ghax il-partijiet talbu differiment. Fis-seduta sussegwenti minkejja li d-difiza kienet irrilevat li

hija, ai termini tal-artikolu 360A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet a' Malta, kienet infurmat lill-Kummissarju bit-talba taghha li jigi imharrek PS Sciberras, l-Ewwel Qorti - kif verbalzzat a fol. 7 tal-process - attirat l-attenzjoni tad-difiza illi dik it-talba saret ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru, (2006), f' liema seduta l-partijiet, bi qbil, talbu differiment. U peress li ghas-seduta ta' dak in-nhar ma saret ebda talba biex jitharrek PS 853 in kontroezami u peress li dawn il-provi huma sommarji, cahdet it-talba ghall-kontro-ezami ta' dak ix-xhud u ghaddiet ghas-sentenza.

Illi kjarament dan mhux legalment korrett ghaliex l-artikolu 360A f' ebda parti tieghu ma jesigi li l-avviz jerga jigi ripetut lill-Kummissarju ghal kull differiment u l-buon sens jindika li dan ghandu jsir darba wahda biss umbaghad ix-xhud jigi imharrek bhal xhieda ohra ghall-kemm il-darba ikun hemm bzonn sakemm jixhed.
B' dak li sar l-akkuzat gie priv mill-opportunita' li jikkontro-ezamina xhud tal-prosekuzzjoni indebitament u intortament u dan mhux biss imur kontra l-ligi procedurali imma sahansitra jista' anki koncepibbilment jitqies li jilledi d-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti una volta li jkun inghata id-debitu avviz b' ittra registrata lill-Kummissarju tal-Pulizija, il-persuna li tkun ghamlet l-affidavit, ghandha umbaghad tigi imharrka mill-istess Pulizija ghal kull differiment iehor tal-kawza sakemm taghti x-xiehda taghha w ma jkunx hemm bzonn li kull darba li l-kawza tigi differita li terga ssir ittra registrata lill-Kummissarju. Dik il-persuna tigi inkluza fil-lista tax-xiehda li ghandhom jitharrku biex jidhru u ghandha tigi hekk imharrka biex tidher quddiem l-Qorti kull meta jkun hemm bzonn tul il-kawza.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi w anki in vista tal-verbal tal-istess Prosekuzzjoni w tad-difiza, din il-Qorti tirritjeni illi f’kazijiet fejn tintuza din il-procedura li xhieda jixhdu bl-affidavit umbaghad l-akkuzat ikun fi zmien utili kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex javvzah biex dan ix-xhud jidher il-Qorti halli jkun jista’ jigi kontro-ezaminat, il-ligi ma tirrikjedix illi l-akkuzat f’kull differiment irid jerga’ joqghod jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex javzah halli l-istess

xhud jigi ingunt biex jerga' jidher fid-differimenti sussegwenti.

Konsegwentement meta l-Ewwel Qorti ddecidiet li tghaddi ghas-sentenza bla ma semghet lil PS 853 fil-kontro-ezami, kif talab l-istess akkuzat appellant, kienet qed tikkommetti rregolarita' procedurali sostanzjali li twassal ghan-nullita' tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-l-ewwel aggravju tal-appellant u tannulla s-sentenza appellata w biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficju tad-*doppio esame* qed terga' tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza terga' tinstema mill-gdid u jigi kontro-ezaminat ix-xhud fuq imsemmi u terga' tigi deciza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------